2023/2843

27.12.2023

DIRETTIVA (UE) 2023/2843 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Diċembru 2023

li temenda d-Direttivi 2011/99/UE u 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE u d-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2), il-punti (e) u (f), u l-Artikolu 82(1), il-punt (d), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Diċembru 2020 intitolata "Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea — Strumentarju ta' opportunitajiet", il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li jiġi mmodernizzat il-qafas leġiżlattiv tal-proċeduri transfruntiera tal-Unjoni fil-liġi ċivili, kummerċjali u kriminali, f'konformità mal-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku", filwaqt li jiġi żgurat li s-salvagwardji kollha meħtieġa jkunu fis-seħħ biex tiġi evitata l-esklużjoni soċjali.

(2) L-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri hija fost l-objettivi ewlenin tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni minquxa fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(3) Għall-finijiet tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali b'implikazzjonijiet transfruntiera, l-atti legali tal-Unjoni li jipprevedu l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu kkomplementati b'kondizzjonijiet għat-twettiq ta' tali komunikazzjoni permezz ta' mezzi diġitali b'tali mod li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif previst fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, speċjalment dawk minquxa fit-Titolu VI, b'mod partikolari l-Artikolu 47 dwar id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali. Jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet bl-ebda mod ma jimminaw il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali li huma essenzjali għall-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet fundamentali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

(4) Sabiex tiġi mmodernizzata u msaħħa l-kooperazzjoni ġudizzjarja u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja, ġie adottat ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) ĠU C 323, 26.8.2022, p. 77.

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).

(5) Għall-finijiet li jiġi żgurat li jintlaħqu bis-sħiħ l-objettivi tar-Regolament (UE) 2023/2844, u li jiġu allinjati l-atti legali eżistenti tal-Unjoni f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali ma' dak ir-Regolament, huwa meħtieġ li d-Direttivi 2011/99/UE ([4]) u 2014/41/UE ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE ([6]) u d-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ([7]), 2003/577/ĠAI ([8]), 2005/214/ĠAI ([9]), 2006/783/ĠAI ([10]), 2008/909/ĠAI ([11]), 2008/947/ĠAI ([12]), 2009/829/ĠAI ([13]) u 2009/948/ĠAI ([14]) jiġu emendati.

(6) L-emendi previsti f'din id-Direttiva jfittxu li jiżguraw li l-komunikazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet isseħħ f'konformità mar-regoli u l-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/2844. Skont dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti u bejn awtorità kompetenti nazzjonali u aġenzija jew korp tal-Unjoni skont l-atti legali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali emendati b'din id-Direttiva titwettaq, bħala regola, permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata. B'mod partikolari, is-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li, bħala regola, tintuża għall-iskambju ta' formoli previsti fl-atti legali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali emendati b'din id-Direttiva u għall-komunikazzjoni uffiċjali l-oħrajn kollha skont dawk l-atti legali li għandha titwettaq bil-miktub, pereżempju għall-finijiet taż-żamma tal-fajls tal-każijiet mill-awtoritajiet kompetenti. F'każijiet fejn tapplika eċċezzjoni waħda jew aktar minn dawk previsti fir-Regolament (UE) 2023/2844, jiġifieri, fejn l-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata ma jkunx possibbli jew xieraq, jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni kif speċifikat f'dak ir-Regolament. Għall-finijiet tad-Deċiżjonijiet Qafas 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI u 2009/829/ĠAI u d-Direttiva 2014/41/UE, fejn dawk l-atti legali jipprevedu li l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet għandha titwettaq permezz ta' kwalunkwe mezz jew ta' kwalunkwe mezz xieraq, jenħtieġ li t-tali awtoritajiet ikollhom diskrezzjoni biex jagħżlu liema metodu ta' komunikazzjoni jużaw.

(7) Peress li din id-Direttiva tistipula emendi għar-regoli diġà trasposti fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li jkollha wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-traspożizzjoni ta' dawk l-emendi. Jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni jkunu allinjati mal-iskeda ta' żmien ta' implimentazzjoni prevista fir-Regolament (UE) 2023/2844.

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([4]) Id-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2).

([5]) Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn (ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41).

([7]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

([8]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45).

([9]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16).

([10]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59).

([11]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 27).

([12]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102).

([13]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja (ĠU L 294, 11.11.2009, p. 20).

([14]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

(9) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu I

Emendi għal atti legali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva 2003/8/KE

Fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2003/8/KE, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità trażmittenti kompetenti għandha tibgħat l-applikazzjoni lill-awtorità riċevitur kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) fi żmien 15-il jum mill-wasla tal-applikazzjoni mimlija kif xieraq b'waħda mil-lingwi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u d-dokumenti ta' sostenn, tradotti, fejn meħtieġ, f'waħda minn dawk il-lingwi.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L L/2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj)".

Kapitolu II

Emendi għall-atti legali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

Artikolu 2

Emendi għad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI

Id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 8a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10(2) u (3), il-komunikazzjoni uffiċjali skont din id-Deċiżjoni Kwadru bejn l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

Meta Stat Membru jkun ħatar awtorità jew awtoritajiet ċentrali, l-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għall-komunikazzjoni uffiċjali mal-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru ieħor.

2. Il-komunikazzjoni bejn l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru emittenti u l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għall-finijiet tal-għoti tal-informazzjoni meħtieġa biex il-persuna rikjesta tkun tista' taħtar avukat fl-Istat emittenti f'konformità mal-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) u

biex tapplika għal għajnuna legali fl-Istat emittenti f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***), għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, it-talbiet għal tranżitu magħmulin skont l-Artikolu 25(3) jistgħu jintbagħtu wkoll permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri tal-infurzar tal-liġi.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).

(**) Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

(***) Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).";

(2) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 4 huwa mħassar;

(3) fl-Artikolu 18(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jew jaqblu li l-persuna rikjesta għandha tinstema' f'konformità mal-Artikolu 19 ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jew permezz ta' vidjokonferenza f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2023/2844;";

(4) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. It-talba għal tranżitu u l-informazzjoni li tinsab fil-paragrafu 1 għandhom jiġu indirizzati lill-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 2. L-Istat Membru ta' tranżitu għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu dwar it-talba għal tranżitu.".

Artikolu 3

Emendi għad-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI

Id-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mandat għall-iffriżar skont it-tifsira ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, flimkien maċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 9, għandu jiġi trażmess mill-awtorità ġudizzjarja li tkun ħarġitu direttament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti għat-twettiq.";

(2) fl-Artikolu 5(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rapport dwar it-twettiq tal-mandat għall-iffriżar għandu jsir minnufih lill-awtorità kompetenti fl-Istat tal-ħruġ.";

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta r-rikonoxximent jew it-twettiq għandha tittieħed u tiġi nnotifikata minnufih lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat tal-ħruġ.";

(4) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandu minnufih isir rapport dwar il-posponiment tat-twettiq tal-mandat għall-iffriżar, inkluż ir-raġunijiet għall-posponiment u, jekk possibbli, it-tul taż-żmien mistenni tal-posponiment, lill-awtorità kompetenti fl-Istat tal-ħruġ.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Hekk kif ir-raġunijiet għall-posponiment ma jibqgħux jeżistu, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat tat-twettiq għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa għat-twettiq tal-ordni ta' ffriżar u tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat tal-ħruġ b'dan.";

(5) fit-Titolu II, jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 12a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-Komunikazzjoni uffiċjali skont din id-Deċiżjoni Kwadru bejn l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat tal-ħruġ u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat ta' twettiq għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).".

Artikolu 4

Emendi għad-Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI

Id-Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-deċiżjoni jew kopja ċertifikata tagħha, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni. L-oriġinal tad-deċiżjoni, jew kopja ċertifikata tagħha, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. L-oriġinali jew il-kopji ċertifikati tad-dokumenti jistgħu jintbagħtu f'forma elettronika f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-komunikazzjonijiet uffiċjali l-oħrajn kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).";

(2) fl-Artikolu 14, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti:";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 15a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Bl-eċċezzjoni tal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 7(3), il-komunikazzjoni uffiċjali taħt din id-Deċiżjoni Kwadru bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844.

2. Fejn Stat Membru jkun ħatar awtorità jew awtoritajiet ċentrali, il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-komunikazzjoni uffiċjali mal-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru ieħor.".

Artikolu 5

Emendi għad-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI

Id-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ordni ta' konfiska jew kopja ċertifikata tagħha, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni. L-oriġinal tal-ordni ta' konfiska, jew kopja ċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. L-oriġinali jew il-kopji ċertifikati tad-dokumenti jistgħu jintbagħtu f'forma elettronika f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-komunikazzjonijiet uffiċjali l-oħrajn kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).";

(2) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fil-każ ta' posponiment skont il-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti b'dan, u l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tikkonforma mal-obbligi msemmija fl-Artikolu 14(3).";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) sa (e), rapport dwar il-posponiment, inkluż ir-raġunijiet għall-posponiment u, jekk possibbli, iż-żmien li mistenni jdum il-posponiment, għandu jsir minnufih mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni lill-awtorità kompetenti fl-istat emittenti.

Hekk kif ir-raġunijiet għall-posponiment ma jibqgħux jeżistu, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska u tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti b'dan.";

(3) fl-Artikolu 14(3), il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat ta' eżekuzzjoni kkonċernat:";

(4) l-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Tmiem ta' eżekuzzjoni

L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha l-ordni tieqaf milli tkun tista' tiġi esegwita jew għandha tiġi rtirata mill-Istat ta' eżekuzzjoni għal kwalunkwe raġuni oħra. L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jittermina l-eżekuzzjoni tal-ordni malli jiġi nfurmat mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti dwar dik id-deċiżjoni jew miżura.";

(5) fl-Artikolu 17, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti:";

(6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 18a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Bl-eċċezzjoni tal-komunikazzjoni taħt l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 12(2), il-komunikazzjoni uffiċjali taħt din id-Deċiżjoni Kwadru bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844.

2. Fejn Stat Membru jkun ħatar awtorità jew awtoritajiet ċentrali, il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-komunikazzjoni uffiċjali mal-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru ieħor.".

Artikolu 6

Emendi għad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI

Id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-sentenza jew kopja ċertifikata tagħha, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu, mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. L-oriġinali jew il-kopji ċertifikati tad-dokumenti jistgħu jintbagħtu f'forma elettronika f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-komunikazzjonijiet uffiċjali l-oħrajn kollha bil-miktub għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).";

(2) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu, skont il-liġi tiegħu, jippermetti t-tranżitu mit-territorju tiegħu ta' persuna sentenzjata li tkun qed tiġi trasferita għall-Istat ta' eżekuzzjoni, dment li kopja taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4 ingħatatlu mill-Istat emittenti flimkien mat-talba għal tranżitu. It-talba għal tranżitu u ċ-ċertifikat għandhom jintbagħtu f'konformità mal-Artikolu 22a. Fuq talba tal-Istat Membru biex jippermetti t-tranżitu, l-Istat emittenti għandu jipprovdi traduzzjoni taċ-ċertifikat f'waħda mil-lingwi, li għandha tiġi indikata fit-talba, li l-Istat Membru li jkun intalab jippermetti t-tranżitu jaċċetta.";

(3) fl-Artikolu 21, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti:";

(4) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 22a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Bl-eċċezzjoni tal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 12(3), il-komunikazzjoni uffiċjali skont din id-Deċiżjoni Kwadru bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, it-talbiet għal tranżitu magħmulin skont l-Artikolu 16(1) jistgħu jintbagħtu wkoll permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri tal-infurzar tal-liġi.".

Artikolu 7

Emendi għad-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI

Id-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-sentenza u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni ta' probation, flimkien maċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jintbagħtu mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-oriġinal tas-sentenza u, fejn applikabbli, d-deċiżjoni ta' probation, jew kopji ċċertifikati tagħhom, kif ukoll l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni jekk din hekk titlob. L-oriġinali jew il-kopji ċertifikati tad-dokumenti jistgħu jintbagħtu f'forma elettronika f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-komunikazzjonijiet uffiċjali l-oħrajn kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Meta awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi sentenza u, fejn applikabbli, deċiżjoni ta' probation, flimkien maċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1, ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha u tieħu l-miżuri meħtieġa li jirriżultaw għas-sorveljanza tal-miżura ta' probation jew is-sanzjoni alternattiva, hija għandha, ex officio, tibgħatha lill-awtorità kompetenti u għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti b'dan.";

(2) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tiddeċiedi mill-aktar fis possibbli, u fi żmien 60 jum minn meta tirċievi s-sentenza u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni ta' probation, flimkien maċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6(1), jekk tirrikonoxxix is-sentenza jew le u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni ta' probation u tassumi r-responsabbiltà għas-sorveljanza tal-miżuri ta' probation jew sanzjonijiet alternattivi. Hija għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha.";

(3) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bid-deċiżjonijiet kollha dwar:

(a) il-modifika tal-miżuri ta' probation jew tas-sanzjoni alternattiva;

(b) ir-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza jew ir-revoka tad-deċiżjoni dwar rilaxx kondizzjonali;

(c) l-infurzar ta' piena ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva;

(d) l-iskadenza tal-miżuri ta' probation jew tas-sanzjoni alternattiva.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni bi kwalunkwe ċirkostanza jew sejba li, fl-opinjoni tagħha, tista' twassal għat-teħid ta' deċiżjoni waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) jew (c).";

(4) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. In-notifika tas-sejbiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), u fil-paragrafu 2 għandha tingħata billi tintuża l-formola standard li tinsab fl-Anness II. In-notifika tal-fatti u ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), għandha tingħata, fejn possibbli, permezz tal-formola li tinsab fl-Anness II.";

(5) fl-Artikolu 18, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti dwar:";

(6) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 20a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

Bl-eċċezzjoni tal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 12(2), il-komunikazzjoni uffiċjali skont din id-Deċiżjoni Kwadru bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844.".

Artikolu 8

Emendi għad-Deċiżjoni Qafas 2009/829/ĠAI

Id-Deċiżjoni Qafas 2009/829/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni jew kopja ċertifikata tagħha, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni. L-oriġinal tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni, jew kopja ċertifikata tagħha, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. L-oriġinali jew il-kopji ċertifikati tad-dokumenti jistgħu jintbagħtu f'forma elettronika f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-komunikazzjonijiet uffiċjali l-oħrajn kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija."

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).;

(2) fl-Artikolu 20(2), il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti:";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 23a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Bl-eċċezzjoni tal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 12(3) u l-Artikolu 15(2), il-komunikazzjoni uffiċjali skont din id-Deċiżjoni Kwadru bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844.

2. Fejn Stat Membru jkun ħatar awtorità jew awtoritajiet ċentrali, il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-komunikazzjoni uffiċjali mal-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru ieħor.".

Artikolu 9

Emenda għad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI

L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. L-awtoritajiet li jikkuntattjaw u dawk ikkuntattjati għandhom jikkomunikaw f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn Stat Membru jkun ħatar awtorità jew awtoritajiet ċentrali, il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-komunikazzjoni uffiċjali mal-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru ieħor.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).".

Artikolu 10

Emendi għad-Direttiva 2011/99/UE

Id-Direttiva 2011/99/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti tittrasmetti l-ordni Ewropea ta' protezzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, hija għandha tagħmel dan f'konformità mal-Artikolu 16a. Il-komunikazzjoni uffiċjali l-oħra kollha għandha ssir ukoll direttament bejn dawk l-awtoritajiet kompetenti.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi ordni Ewropea ta' protezzjoni ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha, dik l-awtorità għandha, ex officio, tibgħat l-ordni Ewropea ta' protezzjoni lill-awtorità kompetenti u għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti b'dan.";

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni tikkunsidra li l-informazzjoni mibgħuta mal-ordni Ewropea ta' protezzjoni skont l-Artikolu 7 ma tkunx kompluta, hija għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, waqt li tassenja perjodu ta' żmien raġonevoli għaliha li fih għandha tipprovdi l-informazzjoni nieqsa.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 16a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Il-komunikazzjoni uffiċjali skont din id-Direttiva bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn Stat Membru jkun ħatar awtorità jew awtoritajiet ċentrali, il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-komunikazzjoni uffiċjali mal-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru ieħor.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).".

Artikolu 11

Emendi għad-Direttiva 2014/41/UE

Id-Direttiva 2014/41/UE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 5a*

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Bl-eċċezzjoni ta' komunikazzjoni skont l-Artikolu 9(6), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 12(5) u (6) u l-Artikolu 16(2), l-ewwel subparagrafu, il-komunikazzjoni uffiċjali skont din id-Direttiva bejn l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn Stat Membru jkun ħatar awtorità jew awtoritajiet ċentrali, il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-komunikazzjoni uffiċjali mal-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru ieħor.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/reg/2023/2844/oj).";

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-OIE mwettaq f'konformità mal-Artikolu 5 għandu jintbagħat mill-awtorità emittenti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni."

(3) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Hekk kif ir-raġunijiet għal posponiment ma jibqgħux jeżistu, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-OIE u tinforma lill-awtorità emittenti b'dan.";

(4) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) u (5), l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tinforma lill-awtorità emittenti immedjatament bi kwalunkwe mezz:

(a) jekk ikun impossibbli għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li tieħu deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni minħabba l-fatt li l-formola prevista fl-Anness A ma tkunx kompluta jew tkun manifestament skorretta;

(b) jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni, matul l-eżekuzzjoni tal-OIE, tikkunsidra mingħajr stħarriġ ulterjuri li jista' jkun xieraq li jitwettqu miżuri investigattivi li ma kinux previsti inizjalment, jew li ma setgħux jiġu speċifikati meta nħarġet l-OIE, sabiex l-awtorità emittenti tkun tista' tieħu azzjoni ulterjuri fil-każ speċifiku; jew

(c) jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni tistabbilixxi li, f'każ speċifiku, hija ma tistax tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti f'konformità mal-Artikolu 9.

Fuq talba mill-awtorità emittenti, l-informazzjoni għandha tiġi kkonfermata mingħajr dewmien f'konformità mal-Artikolu 5a.";

(b) fil-paragrafu 3, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) u (5), l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tinforma lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien:".

Kapitolu III

Traspożizzjoni

Artikolu 12

Traspożizzjoni tal-Artikoli 2 u 11

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(a) tar-Regolament (UE) 2023/2844 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 2 u 11 ta' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(a) tar-Regolament (UE) 2023/2844.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għall-Artikoli 2 u 11 ta' din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 13

Traspożizzjoni tal-Artikoli 1, 6 u 10

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(b) tar-Regolament (UE) 2023/2844 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1, 6 u 10 ta' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(b) tar-Regolament (UE) 2023/2844.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għall-Artikoli 1, 6 u 10 ta' din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 14

Traspożizzjoni tal-Artikoli 3, 4, 5 u 9

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(c) tar-Regolament (UE) 2023/2844 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 3, 4, 5 u 9 ta' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(c) tar-Regolament (UE) 2023/2844.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għall-Artikoli 3, 4, 5u 9 ta' din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 15

Traspożizzjoni tal-Artikoli 7 u 8

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(d) tar-Regolament (UE) 2023/2844 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 7 u 8 ta' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni korrispondenti msemmi fl-Artikolu 10(3)(d) tar-Regolament (UE) 2023/2844.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għall-Artikoli 7 u 8 ta' din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 17

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Diċembru 2023.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	P. NAVARRO RÍOS